

Brussell, 30 ta' April 2020
(OR. en)

7556/20

COWEB 49

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	29 ta' April 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 315 final
Suġġett:	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-pandemija - Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni qabel il- laqgħa tal-mexxejja UE-Balkani tal-Punent fis-6 ta' Mejju 2020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 315 final.

Mehmuż: COM(2020) 315 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.4.2020
COM(2020) 315 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-
pandemija**

**Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni qabel il-laqgħa tal-mexxejja UE-Balkani tal-Punent
fis-6 ta' Mejju 2020**

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar
Appoġġ lill-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra l-COVID-19 u l-irkupru wara l-
pandemija**

I. Introduzzjoni

Il-Balkani tal-Punent huma parti integrali mill-Ewropa u prijorità ġeostrateġika għall-Unjoni Ewropea. Il-perspettiva Ewropea tar-reġjun kollu ġiet konfermata mill-ġdid f'Marzu 2020, meta l-Istati Membri approvaw il-proposta tal-Kummissjoni għal **metodoloġija msaħħa**¹ għall-proċess tal-adeżjoni u ddeċidew li jifih in-negozjati tal-adeżjoni mar-**Repubblika tal-Albanija u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq**. Huwa ta' importanza ewlenija għall-Unjoni Ewropea li tkompli trawwem l-istabbiltà u l-prosperità ta' dan ir-reġjun, u tibni fuq l-interessi strateġiċi komuni tagħna.

Minkejja l-miżuri determinati li l-imsieħba tal-Balkani tal-Punent hađu huma stess, il-**pandemija tal-COVID-19**, flimkien mal-impatt immedjat tagħha fuq il-bniedem, **qed ikollha effett ta' tfixkil fuq l-ekonomiji tar-reġjun u fuq il-ħajja tan-nies**. Dan jirrappreżenta piż bla preċedent fuq is-sistemi tas-saħħa u l-protezzjoni soċjali tagħhom. Eluf ta' ċittadini huma f'riskju li jitlef l-impjieg tagħhom, u miżuri temporanji ta' appoġġ mill-gvern (benefiċċji tal-qgħad, differimenti/rinunzji għat-taxxa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, eċċ.) għandhom impatt fiskali importanti. Il-gvernijiet għandhom ukoll jespandu rapidament il-kopertura tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Il-pandemija affettwat ukoll l-isforzi komuni relatati mal-migrazzjoni.

Filwaqt li l-UE nnifisha hija affettwata b'mod qawwi mill-pandemija, **għandha responsabbiltà u interess partikolari li tmexxi r-rispons globali** u tipprovdi assistenza lil sħab fil-bżonn, aktar u aktar fil-viċinat immedjat tagħha. Bħala parti mill-isforzi internazzjonali tagħha, l-UE **qed tipprovdi appoġġ essenzjali u uniku lill-Balkani tal-Punent**. L-UE qed tiżgura appoġġ finanzjarju ta' aktar minn EUR 3.3 biljun għall-pajjiżi fir-reġjun biex jindirizzaw il-kriżi tas-saħħa immedjata u l-ħtiġijiet umanitarji li jirriżultaw, kif ukoll impatt fit-tul u strutturali fuq is-soċjetajiet u l-ekonomiji tagħhom. Minħabba l-perspettiva Ewropea tagħhom, qiegħda wkoll tittratta lill-Balkani tal-Punent bħala sħab privileġġjati billi tagħtihom aċċess għal haġna inizzjattivi u strumenti riservati għall-Istati Membri tal-UE.

Il-mexxejja tal-UE u dawk tar-reġjun ser jiltaqgħu fit-6 ta' Mejju 2020 biex jirriflettu dwar l-isfidi li qed jiffaċċjaw flimkien. Biex tikkontribwixxi għal dawn id-diskussjonijiet, din il-Komunikazzjoni **tistabbilixxi s-solidarjetà tal-Unjoni Ewropea mal-Balkani tal-Punent** hekk kif dawn jindirizzaw l-impatt immedjat tal-COVID-19, u tistabbilixxi l-oqsma ta' kooperazzjoni reċiproka. Hija tħares 'il quddiem għal appoġġ aktar fit-tul mill-UE għall-irkupru ekonomiku, filwaqt li **tistabbilixxi x-xena għal pjan ekonomiku u ta' investiment aktar dettaljat għar-reġjun, li se jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni** aktar tard din is-sena. Hija tistenna wkoll aktar impenn u appoġġ intensifikat tal-UE biex titwettaq il-perspettiva Ewropea tar-reġjun billi jingħata appoġġ lis-sħab kollha biex **jiġu indirizzati r-riformi demokratiċi fundamentali, l-istat tad-dritt u r-riformi ekonomiċi u legali meħtieġa** b'aktar ħeġġa, kif previst fil-metodoloġija msaħħa.

¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Intejbu l-proċess tal-adeżjoni — Perspettiva kredibbli tal-UE għall-Balkani tal-Punent" [COM\(2020\) 57 final](#)

II. Appoġġ tal-UE lill-Balkani tal-Punent fil-ġlied kontra l-COVID-19

Fit-tweġiba tagħha għall-kriżi, l-UE ddeċidiet li tipprovdi appoġġ finanzjarju sostanzjali, iżda wkoll li tinkludi, sa fejn ikun l-aktar possibbli, il-Balkani tal-Punent fir-rispons tagħha stess. Filwaqt li l-appoġġ ġie estiż ukoll minn sħab oħrajn tar-reġjun, proċeduri flessibbli u deċiżjonijiet f'waqthom wasslu biex l-UE tkun għal darb'oħra l-aktar sieħeb effettiv u affidabbli tar-reġjun.

L-UE mmobilizzat **pakkett ta' aktar minn EUR 3.3 biljun** għal-benefiċċju taċ-**ċittadini** tal-Balkani tal-Punent.² Dan jinkludi riallokazzjonijiet minn **Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni**³ ta' **EUR 38 miljun** ta' appoġġ immedjat għas-settur tas-saħħa, b'mod partikolari permezz ta' twassil ta' provvisti essenzjali li jsalvaw il-ħajjiet bħal tagħmir ta' protezzjoni personali, testijiet u ventilaturi⁴, **EUR 389 miljun** biex jindirizzaw il-bżonnijiet ta' **rkupru soċjali u ekonomiku** u pakkett ta' **riattivazzjoni tal-ekonomija ulterjuri ta' EUR 455 miljun** għar-reġjun, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali, kif ukoll proposta⁵ għal **Assistenza Makro-Finanzjarja ta' EUR 750 miljun u pakkett ta' EUR 1.7 biljun** ta' assistenza mill-Bank Ewropew tal-Investment. L-UE qed tipprovdi wkoll **assistenza umanitarja immedjata għal rifugiati vulnerabbli u migranti li jammontaw għal EUR 4.5 miljun** għall-protezzjoni, appoġġ lil minorenni mhux akkumpanjati u kura tas-saħħa, inkluż stat ta' tħejjija għall-COVID-19 u **EUR 8 miljuni** ta' appoġġ ta' emerġenza lill-migranti u r-rifugiati maqbuda fil-Balkani tal-Punent mill-**Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi**. Barra minn hekk, il-**Fond ta' Solidarjetà** tal-UE, miftuħ għal daww il-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent li bdew jinneogzjaw l-adeżjoni tagħhom, issa jkopri wkoll il-kriżijiet tas-saħħa pubblika.

Parti importanti tal-appoġġ ekonomiku tal-UE se **jgħin lis-settur privat jindirizza l-isfidi ta' likwidità u finanzjarji** billi jimmobilizza skemi ta' garanzija ffinanzjati mill-UE, f'kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali.

Ir-rispons tal-UE jsegwi **“l-approċċ tat-Tim Ewropa”**⁶: l-appoġġ tagħna fil-pront u mmirat jgħaqqad ir-riżorsi mill-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari l-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp. Flimkien mas-sħab tagħna, qed niżguraw li l-finanzjament sostanzjali tal-UE diġà allokati lilhom jiġi mmirat biex jgħinhom jindirizzaw l-impatt tal-pandemija. B'mod parallel, xi Stati Membri tal-UE qed jipprovdu wkoll appoġġ bilaterali, kemm jekk finanzjarju kif ukoll donazzjonijiet ta' provvisti

²Finanzjament allokati fil-Programm Indikattiv Pluriennali 2014-2020 eżistenti

³Il-programmi eżistenti ta' appoġġ tal-IPA qed jiġu adattati u aċċellerati, pereżempju l-assistenza ta' qabel l-adeżjoni tal-UE għall-iżvilupp rurali (IPARD) u għall-kooperazzjoni transkonfinali bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent (REGIO).

⁴L-UE qed tiffinanzja t-twassil ta' madwar 95.000 test tal-COVID, 500 sodda tal-isptar, 450 ventilatur, 100 monitor tal-kura intensiva, 100 kontejner għat-triage, 10 ambulanzi, kif ukoll aktar minn 4.5 miljun biċċa ta' tagħmir ta' protezzjoni kif ukoll mijiet ta' apparat mediku (bħal x-rays, ECGs, scanners, defibrillaturi, pompi tal-infużjoni) u eluf ta' provvisti (bħal termometri, kateters, tubi, siringi, maskri). L-UE kopriet ukoll l-ispiża ta' 16-il titjira fit-tul li ġarrew 750 tunnellata ta' provvisti mediċi mixtrija minn sorsi oħra.

⁵2020/0065 (COD) Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' Assistenza Makrofinanzjarja lil sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-kriżi ta' pandemija tal-COVID-19. 22 ta' April 2020.

⁶Komunikazzjoni dwar ir-rispons globali tal-UE għall-COVID-19 (JOIN (2020) 11 final) tat-8.4.2020.

B'riżultat tat-tifqigħa tal-COVID-19, il-Balkani tal-Punent **attivaw ukoll il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (UCPM)** u diġà bdew jirċievu assistenza mill-Istati Membri tal-UCPM u l-Istati Parteċipanti. **Is-Serbja, il-Maċedonja ta' Fuq u l-Montenegro** bħala Stati parteċipanti fil-Mekkaniżmu, jistgħu jikkontribwixxu u jitolbu l-appoġġ tar-rescEU, inkluż il-ħżin ta' tagħmir u kontromiżuri mediċi. Ċittadini mill-Balkani tal-Punent li nqabdu barra l-pajjiż kienu fost il-persuni rimpatrijati lejn l-Ewropa grazzi għal titjiriet organizzati u kofinanzjati mill-UCPM. L-awtoritajiet tal-protezzjoni ċivili tal-Balkani tal-Punent se jkomplu jipparteċipaw fit-taħriġ, l-eżerċizzji u l-iskambju ta' esperti tal-UCPM. L-UE **tapprezza wkoll l-appoġġ siewi** li taw il-Balkani tal-Punent lill-UE u lill-ġirien immedjati tagħhom, f'termini ta' persunal u tagħmir mediku. Dan jirrifletti s-solidarjetà u l-valuri fundamentali li l-UE hija mibnija fuqhom.

Il-pandemija li għaddejja bħalissa turi b'mod ċar kif l-UE u l-Balkani tal-Punent qed **jindirizzaw flimkien l-isfidi komuni**. Dan jinkludi **akkwist konġunt ta' tagħmir mediku** li jeżenta r-reġjun mill-**iskema ta' awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni** tal-UE għal tagħmir ta' protezzjoni personali⁷ u **l-forniment ta' materjal ta' ttestjar tal-UE** żviluppat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka biex jiżgura l-funzjonament korrett tat-testijiet tal-coronavirus fil-Balkani tal-Punent. Il-partijiet ikkonċernati madwar ir-reġjun huma integrati b'mod sħiħ fl-isforzi tar-**riċerka u l-innovazzjoni** Ewropea tal-COVID-19. Ir-reġjun kollu qed jibbenefika wkoll minn assistenza teknika u skambju ta' informazzjoni ffaċilitati miċ-**Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard**, filwaqt li l-pajjiżi kandidati fil-Balkani tal-Punent ġew mistiedna bħala osservaturi fil-**Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa tal-UE** u jingħataw aċċess għas-**Sistema ta' Twissija Bikrija u ta' Reazzjoni** relatata.

Il-proposta konġunta tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport u s-CEFTA żgurat li l-kunċett ta' "korsiji ta' prijorità" ġie estiż għall-Balkani tal-Punent li jiżgura l-fluss rapidu ta' oġġetti essenzjali fir-reġjun. Il-Kummissjoni hija lesta li tassoċja r-reġjun mill-qrib mal-implimentazzjoni tal-**"Pjan Direzzjonali Ewropew Konġunt** biex jitneħħew il-miżuri ta' konteniment tal-COVID-19". Lil hinn minn din l-emerġenza sanitarja u r-restrizzjonijiet relatati tagħha fuq il-moviment ta' merkanzija u passiġġieri, il-Kummissjoni hija wkoll impenjata fit-tul biex tikkontribwixxi għal konnettività aħjar għall-Balkani tal-Punent, filwaqt li tindirizza l-konġestjonijiet strutturali fil-fruntieri UE/Balkani tal-Punent. Il-Kummissjoni ħarġet ukoll Gwida⁸ dwar kif għandha tiġi implimentata l-introduzzjoni ta' **restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar temporanju** li japplikaw għall-ivvjaġġar kollu mhux essenzjali minn pajjiżi terzi lejn l-UE, inkluż dwar it-trattament ta' dawk imġiegħla jibqgħu fl-UE għal żmien itwal milli huma awtorizzati.

Din il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u l-appoġġ tal-UE **imorru ferm lil hinn minn dak li kwalunkwe sieħeb ieħor ipprova lir-reġjun** li jirrifletti l-importanza strateġika tar-reġjun. L-istituzzjonijiet tal-UE kienu involuti f'kampanji intensivi ta' komunikazzjoni, li jkopru l-ġhoti ta' assistenza mill-UE, kif ukoll pubblikazzjoni ta' editorjali ta' opinjoni mal-Istati Membri tal-UE fuq il-post, appoġġ tal-kampanji "ibqa' d-dar" u kontribuzzjoni għat-tixrid ta' informazzjoni fattwali dwar il-COVID-19. F'dan ir-rigward, tentattivi biex jiġu miżrappreżentati l-orijini tal-kriżi u l-isforzi biex tiġi indirizzata għandhom jiġu indirizzati pubblikament u b'mod qawwi, filwaqt li tiżdied il-kooperazzjoni biex tiġi rispettata l-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-midja.

⁷Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/568 tat-23 ta' April 2020 li jagħmel l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti soġġetta għall-produzzjoni ta' awtorizzazzjoni ta' esportazzjoni (ĠU L129, 24.4.20)

⁸ C(2020) 2050 final.

III. Lil hinn mill-COVID-19 — Pjan ta' Investiment u Ekonomiku għall-irkupru

Il-Balkani tal-Punent ser jeħtieġu appoġġ kontinwu **biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19**. Ladarba jittaffew il-miżuri immedjati għat-trażżin tal-pandemija tal-COVID-19, ser tibda fażi ġdida ta' kooperazzjoni mill-qrib sabiex jiġi indirizzat l-impatt soċjoekonomiku diffiċli tal-kriżi. Il-Kummissjoni Ewropea din is-sena se tressaq **Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għar-reġjun**.

Il-pjan ser jinkludi **pakkett ta' investiment sostanzjali għar-reġjun**. Għall-perjodu **2021–2027**, fit-2 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni pproponiet pakkett totali għall-Istrument ta' Qabel l-Adeżjoni III ta' EUR 14.5 biljun, li minnhom il-biċċa l-kbira huma destinati għall-Balkani tal-Punent. Il-Kummissjoni tippredvi li **tirdoppja l-għotjiet** permezz tal-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent biex tappoġġa l-iżvilupp tas-settur privat, il-konnettività, id-diġitalizzazzjoni, l-aġenda ekoloġika u l-investimenti soċjali. Hija tippredvi wkoll li jiżdiedu b'mod sostanzjali **l-garanziji finanzjarji biex jiġi appoġġat l-investiment pubbliku u privat fir-reġjun** permezz tal-Istrument ta' **Garanzija ddedikat taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent**.

It-Tranżizzjoni ekoloġika u t-Trasformazzjoni diġitali se jkollhom rwol ċentrali fit-tnedija mill-ġdid u l-immodernizzar tal-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent. L-investiment f'teknoloġiji u kapaċitajiet nodfa u diġitali, flimkien ma' ekonomija ċirkolari, se jgħin biex jinħolqu l-impjiegi u t-tkabbir. Ser jingħata wkoll appoġġ biex tittejjeb il-**kompetittività** tal-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent, **biex ikunu konnessi aħjar fi ħdan ir-reġjun u mal-UE**, u biex jgħin biex il-Balkani tal-Punent ikunu **adattati għall-era diġitali**. Ser jingħata wkoll appoġġ għal ekonomija li taħdem għan-nies, inkluż permezz ta' kooperazzjoni dwar **l-edukazzjoni u s-saħħa**, mhux l-inqas biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa, għall-**protezzjoni soċjali u l-inklużjoni**, l-opportunitajiet indaqs, l-aċċess għas-suq tax-xogħol, speċjalment permezz ta' żieda fil-politika attiva dwar is-suq tax-xogħol, **kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti** fost l-oħrajn permezz tal-appoġġ tat-tisħiħ tad-djalogu soċjali, il-kultura u r-riċerka u l-innovazzjoni.

Ser issir enfasi qawwija fuq il-**konnessjonijiet tat-trasport u l-enerġija**, li huma kruċjali għall-iżvilupp ekonomiku kemm tar-reġjun kif ukoll tal-UE. Din is-sena, l-UE biħsiebha tippromoti pakkett ta' EUR 135 miljun⁹ biex tiffinanzja sitt proġetti addizzjonali ta' investiment fl-infrastruttura taħt l-aġenda tal-konnettività għall-Balkani tal-Punent. B'dan il-finanzjament, **l-UE se taqbeż il-garanzija li għamlet fl-2015 biex tipprovdi EUR 1 biljun f'għotjiet tal-UE lill-aġenda ta' konnettività sal-2020** li min-naħa tagħha se timmobilizza kważi EUR 4 biljuni għal 45 investimenti ta' infrastruttura li jgħaqqdu r-reġjun mal-assi prijoritarji tan-Netzwerk Trans-Ewropew (TEN-T) u fi Proġetti tal-Komunità tal-Enerġija ta' Interess Reċiproku. Il-kooperazzjoni reġjonali attiva fil-kuntest tal-Komunità tal-Enerġija u l-inizjattiva tal-Ewropa tax-Xlokk dwar il-Konnettività tal-Enerġija hija bażi tajba biex jiġi aċċellerat l-investiment f'dawn il-konnessjonijiet tal-enerġija kif ukoll fi proġetti ta' enerġija rinnovabbli u ta' effiċjenza enerġetika.

L-UE se tkompli tagħti attenzjoni partikolari lill-**isfidi affaċċjati miż-żgħażaġh**, speċjalment dwar il-prospett tal-impjiegi, l-inugwaljanza u ż-żamma ta' talent żagħżuġ fir-reġjun biex **jiġi indirizzat l-eżodu tal-imħuħ u sfidi demografiċi oħra** li qed jaffaċċja r-reġjun. Il-

⁹Barra minn hekk, EUR 65 miljun se jiġu pprovduti biex jappoġġaw it-tnejn u l-implimentazzjoni ta' proġetti skont il-Qafas ta' Investiment tal-Balkani tal-Punent (WBIF). Dan ser iwassal biex il-Pakkett tal-Konnettività tal-2020 iffinanzjat mill-UE jilħaq il-EUR 200 miljun.

finanzjament għal **Erasmus + għar-reġjun ġie rduppjat mill-2018** (għal aktar minn EUR 65 miljun), flimkien ma' enfasi akbar fuq l-edukazzjoni vokazzjonali. L-enfasi fuq il-ħiliet diġitali, kif ukoll fuq ir-riċerka u l-ħiliet intraprenditorjali, ser tkompli tissaħħaħ fil-futur bil-ħsieb li ż-żgħażaġh jiġu mgħammra biex isiru ekonomikament ta' suċċess u jirnexxu fl-era diġitali.

Il-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza tal-funzjonament tajjeb tas-**Suq Uniku** tal-UE bħala komponent ewlieni tal-**prosperità u r-reżiljenza** tagħna. Bl-istess mod, hija enfasizzat il-livell għoli ta' interdipendenza soċjoekonomika bejn l-ekonomiji tal-UE u tal-Balkani tal-Punent, u fir-reġjun innifsu. Għalhekk ser ikun kruċjali li **l-ekonomiji tal-Balkani tal-Punent jiġu konnessi b'mod aktar effettiv — fir-reġjun u mal-UE**. Dan jeħtieġ impenn akbar mill-imsieħba kollha tal-Balkani tal-Punent biex tiġi approfondita l-integrazzjoni ekonomika reġjonali inklużiva u **jiġi żviluppata suq reġjonali komuni**, kif maqbul, abbażi tal-*acquis* tal-UE, u jiġu rispettati l-impenji tal-UE li wkoll jagħmlu **r-reġjun żona ta' investiment aktar attraenti**.

L-organizzazzjonijiet reġjonali — il-Kunsill Reġjonali ta' Kooperazzjoni, il-Komunità tat-Trasport, il-Komunità tal-Enerġija u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles tal-Ewropa Ċentrali — huma strumentali f'dan ir-rigward. Il-proġetti ffinanzjati mill-UE kellhom ukoll rwol ewlieni fit-tnaqqis tal-ostakli għall-kummerċ.¹⁰

Dawn il-miżuri ta' appoġġ kollha għandhom l-istess objettivi: li jitransformaw lill-Balkani tal-Punent f'**ekonomiji tas-suq li jiffunzjonaw kapaċi li jintegraw bis-sħiħ fis-suq uniku tal-UE**, li jtejbju l-klima tan-negozju u tal-investiment, u b'hekk jikkontribwixxu għal żieda fil-flussi kummerċjali fi ħdan ir-reġjun u mal-UE¹¹, biex jinħolqu impjiegi u opportunitajiet, u b'hekk jitnaqqas l-eżodu ta' mħuħ mir-reġjun. Il-kriżi attwali għalhekk ma għandhiex tneħħi l-attenzjoni minn dgħufijiet strutturali ewlenin, bħal qgħad għoli (b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh), parteċipazzjoni baxxa fis-suq tax-xogħol (b'mod partikolari għan-nisa); nuqqas ta' qbil bejn il-ħiliet u l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; protezzjoni soċjali insuffiċjenti; produttività agrikola baxxa u kompetittività u provvista tal-enerġija mhux diversifikata u effiċjenza enerġetika baxxa. Id-djalogu Ekonomiku u Finanzjarju stabbilit sew, ibbażat fuq il-**Programmi ta' Riforma Ekonomika** tas-sħab, jibqa' qafas importanti biex jiġu ggwidati u appoġġati r-riformi makroekonomiċi u strutturali.

L-għan tal-Pjan Ekonomiku u ta' Investiment se jkun li **jixpruna l-irkupru fit-tul**, jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u jappoġġja r-riformi meħtieġa biex isir progress fil-mixja lejn l-UE. Il-pjan Ekonomiku u ta' Investiment se jkun ispirat minn u allinjat mal-prijoritajiet stabbiliti mill-Kummissjoni Ewropea għall-ħidma tagħha stess fil-perjodu 2019–2024.

IV. Nindirizzaw ir-riformi fundamentali

L-irkupru mill-kriżi attwali se jaħdem biss jekk **il-pajjiżi jkomplu jwettqu l-impenji tagħhom ta' riforma** u jipproduċu riżultati tanġibbli fl-implimentazzjoni tagħhom. Dan huwa essenzjali biex jirrealizzaw il-perspettiva Ewropea tagħhom. Minbarra r-riformi

¹⁰Pereżempju, is-Sistema għall-Iskambju ta' Data dwar is-Sisa ġiet aġġornata biex tiżgura identifikazzjoni elettronika bikrija tat-trakkijiet li jgħorru oġġetti essenzjali, ikkomunikata lill-punti ta' qsim tal-fruntieri sabiex it-trakkijiet ikunu jistgħu jaqsmu l-fruntiera permezz tal-korsiji prijoritarji).

¹¹F'dan ir-rigward, fit-3 ta' April il-Kummissjoni pproponiet li testendi l-Miżuri Kummerċjali Awtonomi mogħtija mill-UE lill-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent għal perjodu ieħor ta' 5 snin sal-aħħar tal-2025 (COM (2020) 135 final 2020/0051 (COD))

ekonomiċi kontinwi, dan jirrikjedi **enfasi aktar qawwija fuq l-istat tad-dritt, il-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi u l-amministrazzjoni pubblika.**

It-tisħiħ **tal-istat tad-dritt fl-aspetti kollha** huwa kruċjali. Huwa jeħtieġ ġudikatura indipendenti u effiċjenti, riżultati robusti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet fundamentali inkluż il-libertà tal-espressjoni u tal-midja. B'mod aktar speċifiku, huwa tal-akbar importanza li l-miżuri ta' emerġenza meħuda matul il-kriżi ma jkunux għad-detriment ta' prinċipji u valuri fundamentali u li tali miżuri jibqgħu proporzjonati, marbuta biż-żmien u soġġetti għal sorveljanza demokratika.

Filwaqt li tibni fuq il-kooperazzjoni estensiva li diġà teżisti, huwa essenzjali li jiġi żgurat impenn attiv kontinwu permezz ta' azzjonijiet konġunti u maqbula b'mod reċiproku dwar **isigurtà**, inkluż kontra r-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u dwar **il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Istituzzjonijiet demokratiċi aktar b'saħħithom u proċessi demokratiċi aktar inklużivi** jibqgħu prijoritajiet ewlenin. **Ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika** hija essenzjali għat-titjib tal-governanza fil-livelli kollha. Din tinkludi żieda fit-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont, ġestjoni finanzjarja pubblika soda u amministrazzjonijiet aktar professjonali. Flimkien, dawn ta' hawn fuq jiffurmaw il-pedament għal irkupru ekonomiku sostnut.

Il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ li tappoġġa lir-reġjun fl-indirizzar ta' dawn ir-riformi. Aktar miżuri se jiġu ppreżentati f'Komunikazzjoni tal-Kummissjoni aktar tard din is-sena.

Il-kriżi COVID-19 hija test għas-solidarjetà u r-riżoluzzjoni tagħna, iżda wkoll turija b'saħħitha li qed naħdmu aktar flimkien bħala Ewropej b'destin komuni. F'dan ir-rigward, aħna nirrikonoxxu li s-sħab tal-Balkani tal-Punent se jkollhom isibu posthom fir-riflessjoni li jmiss tagħna dwar il-futur tal-Ewropa. Flimkien ser negħlbu din il-kriżi u nirkupraw. U flimkien se nkomplu nsaħħu l-kooperazzjoni tagħna biex ngħinu lill-imsieħba tagħna li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sħubija fl-UE.

**